# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta tas-17 ta' Mejju 2022

Il-Pulizija

(Supr Stephen Gatt)

Vs

Mathhew Debono

Omar Debono

Alik Debono

Il-Qorti

Rat li **Matthew Debono** ta' 28 sena iben Alberto u Mary nee' Abela mwieled  Pieta nhar il-11 ta' Ottubru 1983 u resident gewwa 43 in-Nieqa Triq San Anard San Gwann Id card nru 530783 (M),

**Omar Debono** ta' 21 sena iben Alberto u Mary nee' Abela mwieled Pieta nhar it-30 ta` Lulju 1990 u resident gewwa 43 in-Nieqa Triq San Anard San Gwann Id card numru 384190(M),

**Alik Debono** ta' 18 sena iben Alberto u Mary nee' Abela mwieled Ir-Russja nhar it-2 ta' Frar 1993 u resident gewwa 43 in-Nieqa Triq San Anard San Gwann Id card nru 571693 (M), tressqu quddiemha akkuzati tallinhar it-22 ta' Dicembru 2011 fl-inhawi ta' San Giljan ghall-habta tal-4.00am:

1) Attakkajtu kew ghamiltu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-ispettur Jeffrey Cilia persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew t'ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;
2) Ingurjajtu jew heddidtu jew ghamiltu offiza fuq persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe tal-Ispettur Jeffrey Cilia waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmek dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3) Volontarjament hassartu jew ghamiltu hsara jew gharraqtu hwejjeg tal-Ispettur Jeffrey Cilia mobbli jew immobbli liema ammont ta' hsara ma tkunx tiskorri elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) imma izda minn mija u sittax-il euro u erbghin centezmu (116.47) ghad-detriment tal-istess Spettur Jeffrey Cilia;
4) Ikkagunajtu offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-Ispettur Jeffrey Cilia skond kif iccertifikat mit-tabib Dr Anthony Pisani MD MMCFD;
5) Volontarjament ksirtu il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku
6) Ma obdejtux l-ordnijiet legittimi tal-awtorita pubblika jew ta' wiehed inkarigat minn servizz pubbliku cioe tal-isptettur Jeffrey Cilia jew ma hallejtuhx jew fixxkiltuh waqt li kien qed jaghmel d-

dmirijiet tieghu jew b’xi mod iehor bla jedd indhaltu fi dmirijietu billi ma hallejtux lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel jew billi gdibtu fixxejn jew hassartu dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi;

7) Hebbejtu kontra l-persuni sabiex tingurjawhom idejjquhom jew taghmlu hsara lil dawn il- persuna cioe lill-Ispettur Jeffrey Cilia u lil Giuseppi Christopher Farrugia;

Rat l-artikoli 95,338(dd)(ee)339(d)

Rat li originarjament din il-kawza inbdiet quddiem il-Qorti tad-distrett ta’ San Giljan u li fit-13 ta’ Settembru 2012 dik il-Qorti iddikjarat li l-proceduri jezorbitaw mill-kompetenza taghha wara li intalbet korrezzjoni fl-akkuzi, liema talba giet milqugha minn dik il-Qorti u dik il-Qorti astjeniet mill tkompli tisma’ l-kas u di il-Qorti giet assenjata l-kas;

Rat li inqraw l-akkuzi bil-gurament fit-12 ta Marzu 2014 u gie ezebiet il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex l-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Sar l-ezami tl-imputati fejn iddikjaraw li mhux hatja

Rat ix-xhieda ta’ Ps 107 Luke Stivala, Spettur Marisa Zammit, PS 750 Terrry James Mallia, PS 928 Ramon Mifsud Grech, PC804 Leonard Formosa.

Rat li fis-17 ta` Mejju 2022 l-Qorti ghalqet il-provi tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza;

Rat l-atti kollha tal-kas

Rat il-provi u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsiderat**

Illi ghal zmien twil hadt ma were l-ebda interess f’dan il-kas tant li l-Qorti kellha taghlaq il-provi kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza minhabba dan in-nuqqas ta’ interess.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi kollha, ma issibx lill-imputati hatja ta' l-ebda' wahda mil-imputazzjonijet u qieghda konsegwentement tilliberhom minn kull htija u piena.**

**Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D**
**Magistrat**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**